MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Numru. 122/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**VS**
**MOHAMED M. MOHAMED EL FITURI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohamed M. Mohamed El Fituri, ta' 23 sena iben Muftah u Naima nee' Kbaga, mwieled Sudan, u residenti: Euro Star Hotel, Ball Street, San Giljan Rm 901 , w detentur tal-passaport Libjan bin-numru 180151;

U akkukat talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta'Frar 2012 ghal habta tas-saghtejn ta'filghodu (02:00a.m) minn gewwa l-istabiliment Footlooose,Triq San Gorg, San Giljan u / jew fil-vicinanzi :

Ikkommetta serq ta'handbag li kien fih mitt lira Sterlina Ingliza (₤100) (ekwivalenti ghal Euro 115.75) u hamsa u sebghin ewro (Euro75), zewg passaporti u licenzja tas-sewqan ghad-detriment ta' Mitchell–Welch Markela u Amira Mahmoud rispetivament liema serq huwa aggravat bil-'hin'.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti issib lil-imputat Mohamed M. Mohamed El Fituri hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikolu 261, 270, 279, tal-Kap tal-Ligijiet ta'Malta, Arikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, u l-fatt illi ir-res furtiva kollha giet retornata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------